MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru. 25/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**PHILIP BORG**
**CORINNE GRECH**
**JOHANN CILIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **PHILIP BORG** ta' sitta w tletin sena bin Emanuel u Josephine nee Caruana, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1969 u residenti 196, Triq Samvu Zammit, hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 268469M, **CORINNE GRECH** ta' sitta w ghoxrin sena bint Anthony u Maryose nee Farugia, imwielda Pieta nhar t-tlettax ta' Janar 1979 u residenti 'Melathrom', Flat 3, Triq Naxxar, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita numru 43779M u **JOHANN CILIA** ta'

tnejn w ghoxrin sena bin l-mejjet Peter w Antonia nee Camilleri, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta’ Mejju 1983 u residenti ‘Sant’Antnin’, Triq Bieb il-Garra, Hal Safi, detentur tal-karta tal-identita numru 258783M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli f’Ghawdex b’diversi atti maghmulin minnhom wkoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda bejn s-sitta w is-sbatax ta’ Awissu 2005, ikommettew serq ta’ diversi flixken tax-xorb alkoholiku mill-Arkadia Food Stopre, Victora, liema serq hu aggravat bil-valur;

2. Talli fl-istess perjodu f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.
Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tmintax ta’ Awissu 2005 u cioe mal-presentata meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Il-Qorti pero tinnota li z-zewg akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni nghataw b’mod alternattiva ghal xulxin w ghalhekk wara li semghet lil partijiet b’mod verbali fis-seduta hija tal-fehma li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuza ta’ serq kif aggravat bil-valur u mhux tal-akkuza ta’ ricettazzjoni, mill-liema akkuza taastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi fl-istess seduta tat-tmintax ta’ Awissu 2005, il-Qorti ghaddiet biex tinnomina Ufficjal tal-Probation sabiex ihejji pre sentencing inquiry report fuq t-tlett imputati fid-dawl tal-ammissjoni taghhom u ghal dan l-ghan innominat lil Carmen Borg fir-rigward tal-imputata Corinne Grech, lil Ivan Sultana fir-rigward ta’ Johann Cilia u lil Trevor Calafato fir-rigward ta’ Philip Borg.

Illi nhar t-tmienja ta’ Novembru 2005, dawn t-tlett Probation Officers dehru l-Qorti w ippresentaw r-relazzjoni taghhom li gew immarkati bhala dokument ‘TC’ dik ta’ Philip Borg, dokument ‘CB’ dik ta’ Corrine Grech u dokument ‘IS’ dik ta’ Johann Cilia.

Minn ezami ta’ dawn r-rapporti jirrizulta li l-valur tas-serqa li sofra Pierre Rapa ghan-nom tas-socjeta Arkadia Food Store, jammonta ghal elfejn u hamsin lira maltin.

Illi mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg fil-konfront ta’ Corinne Grech dokument ‘IS’, jirrizulta li Corinne Grech hija *educationally subnormal* tant li kienet tmur fi skola l-Wardija ghal tfal b’din il-problema w ghalhekk hasset l-htiega li tirreferiha lil agenzija Sapport sabiex tigi ezaminata u mistharrga l-ahjar mod kif wiehed jimxi maghha ghalkemm sakemm gie ppresentat dan r-rapport din l-agenzija kienet ghadha ma baghtitx ghaliha. Dan nonostante, irrakkomandat fid-dawl tal-informazzjoni migbura, u anke in vista tal-fatt li ghandha fedina penali netta, minghajr ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, li hija ghandha titpogga taht s-supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta’ tlett snin, b’enfasi fuq l-element tax-xoghol u sabiex tindirizza l-problema taghha dwar il-kundizzjoni ta’ sahhitha f’kaz li jirrizulta l-bzonn skond l-*assessment* li jsir. Hi ssuggerit wkoll sabiex l-vittma tigi kumpensata ghad-danni li sofriet.

Illi minn ezami tar-rapport tal-Probation Officer Trevor Calafato dokument ‘TC’ maghmul fil-konfront tal-imputat Philip Borg, jirrizulta li dan l-imputat ghandu l-vizzju tal-loghob tal-azzard. In oltre dan ibati minn depressjoni u jinsab taht kura psikjatra. Philip Borg kien dispost wkoll li

jhallas lil vittma ghal dak li ghamel. Jirrizulta li dan l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi f'zewg okkazzjonijiet fis-sena 1989 u 1991, meta nghata amenda ta' ghaxar liri fuq akkuza ta' loghob tal-azzard u unconditional discharge fuq akkuzi ta' frodi. Dan nonostante pero l-Ufficjal tal-Probation huwa tal-fehma li Philip Borg ghandu jibqa taht s-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandu jaghti kumpens xieraq ghad-danni li sofriet l-vittma koncernata.

Illi minn ezami tar-rapport tal-Probation Officer Ivan Sultana dokument 'IS' maghmul fil-konfront tal-imputat Johann Cilia, jirrizulta li dan ghandu problema ta' *learning disability*, kif del resto iccertifika l-Psikjatra Doctor Joseph Vella Baldacchino. Illi l-imputat huwa disokkupat u jinsab psikologikament preokkupat minn hsibijiet negattivi b'konsegwenza li jista jkun qed ibati minn *inferiority complex* kif wkoll minn *paranoia*. L-Ufficjal tal-Probation, nonostante dan kollu, wkoll issuggerixxa li l-imputat Johann Cilia ghandu jitpogga taht s-supervizjoni ta' Probation Officer ghal perjodu massimu ta' tlett snin, fejn ikun wkoll soggett ghal kundizzjoni, fost l-ohrajn, li jhallas d-danni maghmula minnu u ghandu jindirizza l-problema ta' sahha tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, jirrizulta li fil-fehma tal-Ufficjali tal-Probation, din il-Qorti ghandha taghti ordni ta' supervizjoni.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 18, 267, 279 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lit-tlett imputat PHILIP BORG, CORINNE GRECH u JOHANN CILIA hatja tal-akkuza ta-serq aggravat bil-valur filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza cioe dik ta' recidiva.**

**Il-Qorti** ghalehkk qieghda tpoggi lit-tlett imputati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzommu boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputati probationers Philip Borg, Corinne Grech u Johann Cilia ghandhom, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputati probationers Philip Borg, Corinne Grech u Johann Cilia ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment huma ghandhom, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**

**3. Illi l-imputati probationers Philip Borg, Corinne Grech u Johann Cilia ghandhom jghix fir-residenza taghhom tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkunu jistghu jbiddlu tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputati probationers Philip Borg, Corinne Grech u Johann Cilia ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers;**

**5. Illi l-imputat probationer JOHANN CILIA ghandu jara psikjatra f'kaz li l-Ufficjal tal-Probation hekk jordnalu u ghandu jhallas s-somma ta' hames mitt lira lil Pierre Rapa bhala kumpens ghas-serq li sofra fi zmien tlett snin mill-lum;**

**6. Illi l-imputata probationer CORINNE GRECH ghandha thallas s-somma ta' hames mitt lira lil Pierre Rapa bhala kumpens ghas-serq li sofra u ghandha tkellem lil xi specjalista maghzul mill-Ufficjal tal-Probation sabiex tittratta mal-kondizzjoni taghha;**

**7. Illi l-imputat probationer PHILIP BORG ghandu jhallas s-somma ta' hames mitt lira lil Pierre Rapa bhala kumpens ghas-serq li sofra fi zmien tlett snin mill-lum u ghandu jindirizza l-problema li**

**ghandu dwar il-vizzju ta’ loghob tal-azzard u li jara psikjatra f’kaz li l-Ufficjal tal-Probation hekk jidhirlu xieraq.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati probationers u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati probationers iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttrur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan f’kull kaz.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------